

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet >
Ċivili Kumpilazzjoni tax-xhieda (riformulazzjoni)

Kumpilazzjoni tax-xhieda (riformulazzjoni)

Informazzjoni nazzjonali u formoli online rigward ir-Regolament Nru 2020/1783

Informazzjoni ġenerali

Ir-Regolament (UE) Nru [2020/1783](#) dwar kooperazzjoni bejn il-qradi tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (kumpilazzjoni tax-xhieda)(riformulazzjoni) ifittex li jtejjeb, jissimplifika u jaċċellera l-kooperazzjoni bejn il-qradi fil-kumpilazzjoni tax-xhieda. Ir-Regolament jissostitwixxi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru [1206/2001](#) mill-1 ta' Lulju 2022.

Is-sistema tal-IT deċentralizzata bħala mezz obligatorju ta' komunikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni u l-wasla ta' talbiet, formoli u komunikazzjoni oħra bdiet tapplika biss mill-1 ta' Mejju 2025 (l-ewwel jum tax-xahar wara l-perjodu ta' tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-[att ta' implimentazzjoni](#) msemmi fl-Artikolu 25 (għal aktar dettalji ara l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2020/1783)).

Għal aktar informazzjoni ara:

- l-istatus tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri tas-sistema tal-IT deċentralizzata ara [hawnhekk](#);
- il-Manwali tal-Utenti tas-software ta' implimentazzjoni ta' referenza żviluppati mill-Kummissjoni Ewropea jinsabu [hawnhekk](#).

Meta l-komunikazzjoni permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata ma tkunx possibbli minħabba interruzzjoni f'dik is-sistema tal-IT jew minħabba n-natura tax-xhieda kkonċernata, jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, it-trażmissjoni għandha ssir bl-aktar mezz alternattiv xieraq u rapidu, filwaqt li titqies li-ħtieġa li jiġu żgurati l-affidabbiltà u s-sigurtà. Fejn ikun hemm interruzzjoni fis-sistema tal-IT deċentralizzata, il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika jipprovdni għodda faċli għall-utent biex jimtlew il-[formoli](#).

Ir-Regolament japplika bejn l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea bl-eċċezzjoni tad-Danimarka. Bejn id-Danimarka u l-Istati Membri l-oħra tapplika l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1970 dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda Barra mill-Pajjiż f'Materji Ċivili jew Kummerċjali.

Ir-Regolament jipprevedi tliet modi ta' kumpilazzjoni tax-xhieda bejn l-Istati Membri: il-kumpilazzjoni tax-xhieda mill-qorti rikjesta, kumpilazzjoni diretta tax-xhieda mill-qorti rikjedenti u kumpilazzjoni ta' xhieda minn aġenti diplomatiċi jew konsulari.

Il-Qorti Rikjedenti hija l-qorti jew awtorità kompetenti oħra jekk tiġi nnotifikata mill-Istat Membru rilevanti, li quddiemha il-proċedimenti jinbdeu jew li hemm ħsieb li jinbdeu. Il-Qorti Rikjesta hija l-qorti kompetenti ta' Stat Membru ieħor għall-eżekuzzjoni tal-kumpilazzjoni tax-xhieda. Il-Korp Ċentrali huwa responsabbli għall-provvista ta' tagħrif u t-ftitxija ta' soluzzjonijiet għal xi diffikultajiet li jistgħu jinħolqu rigward talba.

Ir-Regolament jipprevedi 14-il formola.

Għal aktar informazzjoni, ara:

- il-Gwida Prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda tinsab f'din il-

paġna: [Il-pubblikazzjonijiet tan-NĠE](#);

- informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar [il-kumpilazzjoni tax-xhieda](#) u [l-kumpilazzjoni tax-xhieda permezz ta' vidjokonferenza](#).

Il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika jipprovdi lek informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament.

Please select the relevant country's flag to obtain detailed national information.

Links relatati

Il-Gwida Prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda tinsab f'din il-paġna: [Il-pubblikazzjonijiet tan-NĠE](#);

Informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar [il-kumpilazzjoni tax-xhieda](#) [l-kumpilazzjoni tax-xhieda permezz ta' vidjokonferenza](#).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali

[Notifiki tal-Istati Membri arkivjati skont ir-Regolament tal-Kunsill \(KE\) Nru 1206/2001](#)

[Il-Konvenzjoni tal-Aja tat-18 ta' Marzu 1970 dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda Barra mill-Pajjiż f'Materji Ċivili jew Kummerċjali](#)

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

■ L-aħħar aġġornament: 08/05/2026

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.